MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 20/2009

**Joseph u Maria Dolores *sive* Doris konjuġi Sacco**

**-vs-**

**Gordon Dimech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fid-9 ta' Jannar, 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti krew lill-konvenut il-fond kummerċjali numru 49, Triq il-Kardinal Sciberras, Santa Venera u dana għall-perjodu ta' ħames snin u versu l-kera ta' 12.81 ewro *per diem,*

2. Illi fil-klawsola numru disgħa [9] tal-iskrittura ta' lokazzjoni de quo nsibu li jekk il-konvenut kien jonqos li jħallas żewġ [2] skadenza tal-kera jxolji dan il-ftehim;

3. Illi l-konvenut baqa’ moruż fil-pagament ta' erba’ [4] skadenzi;

4. Illi l-atturi jsostnu li l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontratrattazzjoni għat-talbiet atturi;

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ fit-termini tal-artikoli 167 - 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas elf u ħames mija u erbgħa u sittin rappreżentanti din is-somma arretrati ta' kera dovuta sal-lum u ammont ieħor ulterjuri li jrid jiġi likwidat, rappreżentanti rikompens ta' kera sakemm ma tiġi definittivament deċiża din il-kawża;

3. Tordna l-iżgumbrament immedjat tal-konvenut.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimat debitament notifikat naqas li jidher għas-seduta tal-lum;

Semgħet lill-avukat tal-atturi;

**Għaldaqstant peress li t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi; għall-fini tat-tieni talba sal-ammont indikat fir-rikors u tastjeni milli tillikwida l-ammont li jista’ jkun dovut bħala kumpens.**

**Għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------